

Emenda 48**Ana Gomes, Tanja Fajon, Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy,****Kashetu Kyenge**

f'isem il-Grupp S&D

Jean Lambert

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A8-0316/2015****Rachida Dati**

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn

organizzazzjonijiet terroristiċi

2015/2063 (INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 9***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

9. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi linji gwida bbażati fuq l-aħjar prattiki dwar miżuri li għandhom jiġu implimentati fil-ħabsijiet Ewropej immirati lejn il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-estremiżmu vjolenti, fuq bażi ta' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li s-separazzjoni tal-ħabsin li jinstabu li jkunu assoċjaw ruħhom ma' estremiżmu vjolenti jew diġà ġew reklutati minn organizzazzjonijiet terroristiċi minn **priġunieri** oħra **fil-ħabsijiet tagħhom**, hija mezz **effettiv ta' prevenzjoni** tar-radikalizzazzjoni tat-terroristi milli jiġi impost minn ħabsin oħra fuq prigjunieri oħra permezz ta' intimidazzjoni jew prattiki oħra, u **li jillimitaw ir-radikalizzazzjoni** f'dawk l-istituzzjonijiet; jirrakkomanda, madankollu, li tali miżuri għandhom jiġu implimentati fuq bażi ta' każ b'każ, u fuq il-baży ta' deċiżjoni ġudizzjarja; barra minn hekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeżaminaw l-evidenza u l-esperjenza dwar il-prattika ta' separazzjoni fil-ħabsijiet bil-għan li titwaqqaf il-firxa tar-radikalizzazzjoni; huwa tal-fehma li din il-valutazzjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' prattiki fsistemi tal-

9. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi linji gwida bbażati fuq l-aħjar prattiki dwar miżuri li għandhom jiġu implimentati fil-ħabsijiet Ewropej immirati lejn il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-estremiżmu vjolenti, **b'rispett** sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li s-separazzjoni tal-ħabsin li jinstabu li jkunu assoċjaw ruħhom ma' estremiżmu vjolenti jew diġà ġew reklutati minn organizzazzjonijiet terroristiċi minn **ħabsin** oħra hija mezz **possibbli għall-prevenzjoni** tar-radikalizzazzjoni tat-terroristi milli tiġi imposta fuq **oħrajn** permezz ta' intimidazzjoni u biex **tillimita r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet; iwissi**, madankollu, li tali miżuri għandhom jiġu **imposti biss** fuq baży ta' każ b'każ u għandhom ikunu **bbażati fuq** deċiżjoni ġudizzjarja **u suġġetti għal rieżami mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti**; barra minn hekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeżaminaw l-evidenza u l-esperjenza dwar il-prattika ta' separazzjoni fil-ħabsijiet bil-għan li titwaqqaf il-firxa tar-radikalizzazzjoni; huwa tal-fehma li din il-valutazzjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' prattiki fsistemi tal-

ħabsijiet nazzjonali; ifakkar, madankollu, li dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati u f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-ħabsi;

ħabsijiet nazzjonali; ifakkar, madankollu, li dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati u f'konformità sħiħa mad-drittijiet *fundamentali* tal-ħabsi;

Or. en

19.11.2015

A8-0316/49

Emenda 49

Ana Gomes, Tanja Fajon, Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy,

Kashetu Kyenge

f'isem il-Grupp S&D

Jean Lambert

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Barbara Spinelli, Curzio Maltese

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0316/2015

Rachida Dati

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

46. Jinnota li l-prosekuzzjoni tal-atti terroristiċi mwettqa f'pajjiżi terzi minn ċittadini Ewropej, jew minn persuni li m'għandhomx ċittadinanza tal-UE li jirrisjedu fl-UE, teħtieġ li jkun jista' jsir ġbir ta' evidenza f'pajjiżi terzi, abbażi ta' konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem; *Jistieden*, għalhekk, lill-UE taħdem fuq l-istabbiliment ta' ftehimiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u għall-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi sabiex tiffaċilita l-ġbir ta' evidenza f'dawn il-pajjiżi, dment li l-istandards u l-proċeduri legali stretti, l-istat tad-dritt, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet fundamentali jiġu ssalvagwardjati mill-partijiet kollha;

46. Jinnota li l-prosekuzzjoni tal-atti terroristiċi mwettqa f'pajjiżi terzi minn ċittadini Ewropej, jew minn persuni li m'għandhomx ċittadinanza tal-UE li jirrisjedu fl-UE, teħtieġ li jkun jista' jsir ġbir ta' evidenza f'pajjiżi terzi, abbażi ta' konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem; *jistieden*, għalhekk, lill-UE taħdem fuq l-istabbiliment ta' ftehimiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u għall-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi sabiex tiffaċilita l-ġbir ta' evidenza f'dawn il-pajjiżi, dment li l-istandards u l-proċeduri legali stretti, l-istat tad-dritt, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet fundamentali jiġu ssalvagwardjati mill-partijiet kollha *u taħt kontroll ġudizzjarju; ifakkar,*

AM\1079323MT.doc

PE571.050v01-00

għalhekk li l-ġbir ta' evidenza, l-interrogazzjoni u tali tekniki investigattivi jridu jitwettqu fi ħdan standards legali stretti, u jridu jirrispettaw il-liġijiet, il-prinċipji u l-valuri tal-UE u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; iwissi f'dan ir-rigward, li l-użu ta' trattament kiefer, inuman u degradanti, it-tortura, il-konsenja extraġudizzjarja, u sekwestru ta' persuni huwa pprojbit skont il-liġi internazzjonali u ma għandux iseħħ għar-raġuni tal-ġbir ta' evidenza dwar reati kriminali mwettqa fit-territorju tal-UE jew barra mit-territorju tagħha minn ċittadini tal-UE;

Or. en

19.11.2015

A8-0316/50

Emenda 50

Ana Gomes, Tanja Fajon, Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy,

Kashetu Kyenge

f'isem il-Grupp S&D

Jean Lambert

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Barbara Spinelli, Curzio Maltese

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0316/2015

Rachida Dati

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi
2015/2063 (INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

49a. Jemmen bil-qawwa li, fid-dawl tal-kriżi preżenti tar-refuġjati u tal-immigrazzjoni fl-Ewropa, l-Istati Membri jridu jastjenu milli jużaw kwalunkwe miżura ta' kontrolli fil-fruntieri mmirati lejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-waqfa tal-vjaġġi ta' suspettati terroristi,

AM\1079323MT.doc

PE571.050v01-00

għall-finijiet tal-kontroll tal-immigrazzjoni; huwa estremament imħasseb bil-miżuri li ħadu xi gvernijiet fl-UE biex jintroduċu kontrolli addizzjonali fil-fruntieri sabiex jiġi pprevenut id-dħul fl-UE ta' refuġjati u immigranti, bir-riskju li tali miżuri jkunu bbażati fuq arbitrarjetà u l-ħolqien ta' profili razzjali jew etniċi, li jmur totalment kontra l-prinċipji u l-valuri tal-UE, apparti l-ksur tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem;

Or. en